# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar, 2002.**

**Numru**

**Avviz numru 2331/97 MM**

**Salvu Cutajar**

**vs**

**Alfred Vella**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI : L-AVVIZ PROMOTORJU**

1. L-attur appellant kien ipprezenta avviz fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), fejn kien talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut appellant li jhallsu d-danni kollha sofferti minnu, naxxenti minn incident awtomobilistiku li sehh fl-24 ta' Lulju 1997, meta l-attur appellant kien qieghed isuq il-vettura targata KAL 516 u l-konvenut appellat kien qed isuq il-vettura JAV 371 bi traskuragni, negligenza u nuqqas ta'

osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, liema danni ghandhom jigu likwidati u liema danni ma jeccedux l-elf lira Maltin (Lm1000).

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. Il-konvenut appellat eccepixxa s-segwenti :-

(i) Illi t-talbiet tal-attur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur, u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur.

(ii) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) b'sentenza datata Tnejn, 6 ta' Novembru 2000 cahdet it-talbiet ta' l-attur u dana bl-ispejjez kontra tieghu.

**L-APPELL TA' L-ATTUR**

4. Illi l-attur hassu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell minnha fuq l-aggravji segwenti :-

Illi jidher car mix-xhieda taz-zewg kontendenti illi huma qali li saqu meta t-traffic lights rispettivi taghom kienu qeghdin jimmarkaw il-kulur ahdar.

Illi kif tapprezza din il-Qorti, ma jistax ikun illi z-zewg traffic lights li jikkontrollaw traffiku minn naha opposti jixghelu fuq l-ahdar fl-istess hin.

Illi minhabba s-segwenza tat-traffic lights il-kuluri jaqilbu f'segwenti sekwenza u cioe' ahmar, amber, ahdar, amber u ahmar.

Illi mill-provi prodotti jidher illi l-attur appellant kien gej mid-direzzjoni fejn it-traffic lights kienu qeghdin fuq il-kulur ahdar, ghalhekk il-kulur li jmiss kien ikun amber. Waqt li l-attur appellant kien gej minn direzzjoni fejn it-traffic lights kienu fuq l-ahmar, allura s-segwenza hija bilfors ahmar, amber u imbaghad ahdar.

Illi jidher bic-car li fil-kaz in disamina, iz-zewg partijiet habtu waqt li t-traffic lights taghhom rispettivi kienu qed juru l-kulur amber.

Illi mill-'Highway Code' wiehed jista' japprezza illi jekk wiehed ikun gej minn direzzjoni fejn it-'traffic lights' qeghdin jimmarkaw ahdar, wiehed ikun jista' jipprosegwi jekk ikun qasam il-linja bajda li tiddelineja l-karreggjata. Mentri fil-kaz li wiehed ikun gej minn direzzjoni fejn it-'traffic lights' ikunu qed jimmarkaw ahmar, meta t-traffic lights jibdlu

kulur ghal amber wiehed ghandu jipprosegwi b'kawtela u jezercita l-'proper look out' b'tali mod u manjiera li jkun jista' jieqaf jekk ikun hemm vetturi li qed jaqsmu mid-direzzjoni l-ohra.

Illi fuq analizi tax-xheida moghtija miz-zewg partijiet l-attur appellant kellu jkompli t-tragitt tieghu minhabba li meta huwa qasam il-linja bajda li tiddelinja l-karreggjata t-traffic lights kienu qed jimmarkaw amber, allura seta' jipprosegwi mentri fil-kaz tal-konvenut appellat huwa kien gej minn direzzjoni fejn it-traffic lights kienu qed jimmarkaw ahmar allura kellu jipprosegwi b'kawtela u jezercita l-'proper look out' hekk kif tirrikjedi d-diligenza fis-sewqan ta' vettura.

Illi l-konvenut appellat naqas milli jieqaf b'tali mod illi kkaguna l-incident awtomobilistiku in kwistjoni.

L-attur appellant ihoss illi din hija l-aktar verzjoni plawsibbli, verosimili u logika fic-cirkostanzi u l-Qorti ghandha temmen lil din il-verzjoni u taghmilha taghha.

L-attur appellant ihoss illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti mpoggija quddiemha u ghalhekk waslet ghal konkluzjoni erroneja dwar kif sehh l-incident, kif ukoll dwar ir-responsabbilita' tal-partijiet l-incident in kwistjoni.

Ghaldaqstant l-attur appellant talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella sentenza fl-ismijiet fuq premessi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Novembru 2000 u tilqa' u takkolji t-talbiet tal-attur appellant.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' ALFRED VELLA**

5. L-appellat wiegeb hekk :-

Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma fl-aspetti kollha taghha, ghar-ragunijiet segwenti :-

Illi l-appellanti jissottometti, illi fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti meta cahdet it-talba tieghu. Fir-rikors ta' l-appell tieghi, l-appellanti jallega illi :-

> *"Jidher bic-car illi fil-kaz in dizamina, iz-zewg partijiet habtu waqt illi t-traffic lights taghhom rispettivi kienu qed juru l-kulur amber."* {Enfazi mizjud}

Illi bir-rispett kollu, jirrizulta kjarament mill-atti processwali tal-kaz illi, kuntrarjament ghal dak allegat fir-rikors ta' l-appell tieghu, l-unika verzjoni qatt moghtija mill-appellanti in sostenn tat-talba tieghu, fil-kors tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, kienet illi :-

> *"Jiena avvicinajt dawn it-traffic lights u rajt illi l-lane tieghi kien qed jimmarka ahdar."* {Enfazi mizjud}

Illi madankollu, wara l-ezawriment ta’ l-ewwel fazi ta’ l-*iter* processwali, l-appellanti f’daqqa wahda jinnega l-verzjoni originali moghtija fix-xhieda guramentata tieghu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti. Isegwi ghalhekk illi, permezz tar-rikors ta’ l-appell tieghu, l-appellanti mar oltre milli jikkritika d-decizjoni ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti u l-konkluzjonijiet li wassluha ghall-istess, ai termini tad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 142(2) u 143 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, u minflok, ivvizwalizza ipotesi ghal kollox estanea ghall-verzjoni originali minnu moghtija kif fuq premess, li ma tirrizulta la mis-sentenza ta’ l-istess Qorti, u lanqas mill-atti processwali l-ohra tal-kaz *de quo*.

Illi ghalhekk in kwantu l-verzjoni l-gdida ta’ l-appellanti, tirrizulta esklussivament mir-rikors ta’ l-appell tieghu, l-istess verzjoni ma timmerita ebda kunsiderazzjoni u ghaldaqstant, ghandha tigi mwarrba immedjatament u fl-intier taghha.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, din id-digressjoni, minghajr precedenti, fis-sostanza tal-verzjoni originali ta’ l-appellanti, tindika wkoll nuqqas lampanti ta’ kredibilita’ ta’ l-istess appellanti, li jikkonforta d-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti illi tiskarta l-verzjoni originali tieghu dwar il-mekkanizmu ta’ l-incident *de quo*.

L-appellanti naqas ukoll milli jipprova adegwatament fil-grad rikjest mil-Ligi, l-allegazzjoni tieghu dwar ir-responsabbilita’ ta’ l-esponenti ghall-incident *de quo*. Fil-fatt, kif tajjeb irrimarkat l-ewwel Onorabbli Qorti, li

ghamlet apprezzament xieraq tac-cirkostanzi li rrizultaw mill-provi prodotti, hija ma setghetx :-

> *"…… ikollha konvinciment morali bbazat fuq preponderanza ta' probabbilitajiet ……"*

F'dan il-kuntest, l-esponenti jaghmel referenza wkoll ghad-decizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti moghtija fil-5 ta' Marzu 1986, fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Vassallo et vs Carmelo Pace**".

Fil-fatt, mill-provi kollha prodotti fil-kaz *de quo*, l-allegazzjoni tal-appellanti illi fil-mument illi huwa qabez it-*traffic lights* fil-karreggjata tieghu, dawn kienu jindikaw il-kulur *ahdar,* ma tammontax hlief ghal mera allegazzjoni, li ma gietx sostanzjata idoneament sabiex tirradika f'mohh il-gudikant, certezza morali dwar il-mekkanizmu ta' l-akkadut kif allegat mill-istess appellanti.

(a) Illi jigi nnotat immedjtament illi l-prekawzjonijiet mehudin mill-appellanti f'mument meta l-manuvra intiza tieghu kienet illi jaqbez sett ta' *traffic lights* f'inkrocju kumpess u gdid gewwa triq principali, kienu ftit li xejn. Fix-xhieda tieghu, l-appellanti stqarr minghajr ebda esitazzjoni, illi kien hemm karozza ohra quddiemu fl-istess karreggjata tieghu, u illi meta din il-karozza baqghet hierga mill-*lights* ghall-inkrocju fit-triq, huwa *"ghamel l-istess".* Fil-fatt, in-nuqqas tieghu illi josserva mqarr l-obbligu baziku rikjest fic-cirkostanzi, illi jhares lejn il-kulur indikat mit-*traffic lights* fil-karreggjata tieghu, jirrizulta b'mod aktar lampanti meta, *ex*

*admissis*, l-appellanti kien fi kliem *“mohhi biss fil-vetturi ta’ quddiemi, dawk li kienu hiergin Bugibba.”*

(b) Il-karenza assoluta da parti ta’ l-appellanti illi jottempera ruhu ma’ l-obbligi rikjesti minnu fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tirrizulta ulterjorment mill-fatt illi, skond l-appellanti stess, hu kien ra l-karozza ta’ quddiemu tibda taqbez il-*lights*, meta kien ghadu ‘l boghod. Tant hu hekk, illi l-appellanti jkompli jixhed illi huwa kellu sahansitra :

“……. {nirranka} *xi ftit biex ma niftlifx hin”.*

(c) Din l-istqarrija hija indikazzjoni cara illi fil-mument meta l-appellanti wasal sabiex jaqbez id-dawl fil-karreggjata tieghu, dawn kienu diga’ qalbu mill-ahdar ghall-*amber*. Isegwi ghalhekk, illi fil-mument illi l-appellanti kien qed jipprocedi mit-*traffic lights* dawn kienu qeghdin jaqilbu mill-*amber* ghall-ahmar, u mhux mill-*amber* ghall-ahdar, kif allegat minnu.

(d) Inoltre, il-kulur *amber* jirrikjedi, **dejjem u f’kull kaz**, ezercizzju skrupluz ta’ kawtela u *proper look out* **minghajr distinzjoni skond il-kulur li kienu jindikaw l-istess dwal immedjatament qabel**. Isegwi ghalhekk, illi l-fatt illi, *ex admissis*, l-appellanti accelera biex ma jitlifx hin huwa u jipprocedi lejn it-*traffic lights*, ghandu jitqies minnu nnifsu bhala indikazzjoni inekwivoka tal-fatt illi, minflok imqar naqqas il-velocita’ tieghu f’mument illi l-*lights* qabel qalbu ghall-ahmar. Fil-fatt, wiehed

jinnota l-velocita' li biha kien ghaddej l-appellanti, mill-brake marks konsiderevoli ta' ben 10.8 metri, kif indikati fl-iskizz imhejji mill-Pulizija.

(e) Madankollu, ghandu jigi rilevat ukoll illi l-appellanti mhux biss naqas milli jipprosegwi b'kawtela kif rikjest mill-indikazzjoni ta' dawl tal-kulur *amber* – fatt illi tieghu l-appellanti kien ben konxju, ghax altrimenti ma kienx izid l-ispeed – talli fil-mument illi qabez il-*lights* tal-karreggjata tieghu, l-appellanti lanqas biss hares lejn il-kulur tad-dawl sabiex jaccerta ruhu illi seta' jghaddi ghall-inkrocju minghajr ma jikkawza ebda perikolu ghall-utenti l-ohra tat-triq. Mohhu kien biss, bhal ma stqarr hu stess, fil-karozzi hiergin minn Bugibba, u din hija indikazzjoni ulterjuri tal-fatt illi l-appellanti kien diga' konxju tal-fatt illi d-dawl tal-karreggjata tieghu kien ser jaqleb ghall-ahmar.

(f) Illi wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni wkoll, bhala fattur determinanti ghall-kwistjoni ta' responsabbilita', il-posizzjoni ta' l-impatt fuq il-vettura ta' l-esponenti, kif ukoll il-posizzjoni li fiha spiccat l-istess vettura. Fil-fatt, kif xehed l-appellanti stess, huwa kien laqat il-vettura ta' l-esponenti fuq il-mudguard ta' wara tax-xellug tieghu : indikazzjoni tal-fatt illi fil-mument ta' l-impatt, l-esponenti kien diga' avvanzat hafna fil-manuvra tieghu illi jdur lejn il-lemin sabiex jipprocedi ghal gewwa Pioneer Road, Bugibba. Inoltre, minkejja li jidher car illi l-appellanti kien zamm il-*brakes* tieghu meta nduna bil-karozza ta' l-esponenti, dan ma kienx sufficjenti sabiex iwaqqaf il-vettura minhabba l-velocita' eccessiva

ghac-cirkostanzi li fihom kien jinstab. Fil-fatt, bl-impatt, il-karozza ta' l-esponenti giet imdawra hamsa u erbghin (45) grad sabiex spiccat angolata lejn id-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar, kif jidher mill-iskizz tal-Pulizija.

Ghaldaqstant, l-esponenti jissottometti illi l-kunsiderazzjonijiet kollha premessi iservu mhux biss sabiex jiggustifikaw id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti illi l-attur ma ppruvax adegwatament il-verzjoni moghtija in sostenn tat-talbiet tieghu odjerni, izda wkol sabiex jezoneraw kompletament lill-esponenti minn kwalunkwe forma ta' responsabbilita' ghall-incident *de quo*. Fil-fatt, jirrizulta illi l-kawza prossima ta' l-incident hija identifikabbli biss u unikament fl-agir inkonsult ta' l-appellanti, li baqa' jipprocedi mit-*traffic lights* meta dawn kienu diga' qalbu ghall-*amber*, u inoltre, minghajr lanqas ma hares lejn il-kulur indikattiv taghhom, bir-rizultat illi huwa invada indebitament kaneggjata ta' l-esponenti, u rrenda l-incident inevitabbli.

Ghaldaqstant l-esponenti jissottometti illi t-talbiet kontenuti fir-rikors ta' l-appell ghandhom jigu michuda *in toto*, u s-sentenza appellata tas-6 ta' Novembru 2000, ghandha tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti.

**<u>IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. L-attur appellant jillanja mill-fatt li, skond hu, l-ewwel Qorti "ghamlet apprezzament hazin tal-fatti impoggija quddiemha" u b'hekk spiccat biex iddecidiet b'mod zbaljat kontra t-tezi tieghu.

Din il-Qorti tibda billi tirrileva li trattandosi ta' provi ta' fatt, din il-Qorti ta' revizjoni ma tiddisturba qatt leggerment dak l-apprezzament ezercitat mill-ewwel Qorti li tkun fl-ahjar qaghda li tgharbel dawn l-istess provi ta' fatt li jkunu allura gew prodotti quddiemha.

7. Jirrizulta, fil-kaz in ezami, li l-ewwel Qorti rrespingiet it-talbiet attrici fuq il-bazi ta' insufficjenza ta' prova fil-grad rikjest fil-kamp civili, li kif hu ben not huwa wiehed fi grad ta' probabilita'. Minn ezami tad-deposizzjonijiet moghtijin miz-zewg xufiera – li huma z-zewg xhieda principali fil-kawza – jezistu zewg verzjonijiet opposti ghal kollox ghal xulxin billi kull naha qeghda ssostni li fil-mument ta' qabel l-incident awtomobilistiku de quo, kull wiehed minnhom kien isuq il-vettura tieghu meta t-"traffic lights" kienu mixghulin "ahdar". Ovvjament, trattandosi ta' zewg direzzjonijiet bl-inkrocju ta' xulxin, xi wiehed minn dawn ix-xhieda, il-kontendenti fil-kawza, mhuwiex qed jixhed is-sewwa. Ix-xhieda li nghatat minn PS 162 Joseph Howard li investiga l-incident u hejja skizz tal-habta u nizzel l-okkorenza (ara fol. 58 u fol- 62 tal-process) ma twassal ghall-ebda konkluzjoni lanqas. Peress li l-principju li huwa addottat fil-qasam tal-evidenza jimxi fuq il-binarju ta' "ei incumbit probatio qui dicit non ei qui negat", evidentement kien jinkombi maggorment fuq l-attur, bhala l-parti li qeghda tippromwovi l-kawza li

tforni tali prova fil-grad rikjest tal-ligi. Fil-fehma konsiderata ta' l-ewwel Qorti din il-prova ma ngabitx u hija l-fehma wkoll ta' din il-Qorti li tabilhaqq tali prova ma tirrizultax mill-atti processwali.

8. Illi, konxju ta' dan in-nuqqas da parti tieghu, l-attur appellant jibni argoment fir-rikors ta' l-appell tieghu li, bir-rispett kollu, lanqas jirrifletti sew dak li hu stess xehed quddiem l-ewwel Qorti. Fost l-aggravji tieghu l-attur appellant jissottometti li kif issucceda l-incident, hawnhekk kien kaz fejn "iz-zewg partijiet habtu waqt li t-traffic lights taghhom rispettivi kienu qed juru l-kulur 'amber'." Tali asserzjoni tikkontradici bis-shih dak li xehed l-appellant stess li jghid (ara fol. 18) invece li,

> "Wara l-incident ahna nzilna u lill-konvenut urejtu illi d-dawl kien ghadu ahdar, u hu qalli illi anke n-naha tieghu kien ahdar ukoll."

Mill-gdid, in kontro-ezami jghid hekk (fol. 19),

> "Jiena cert illi l-"lights" kienu hodor dak il-hin li kont ghaddej."

9. Illi minbarra s-suespost, kieku ghall-grazzja ta' l-argument biss, dak li qed jghid l-appellant kien minnu jfisser li fil-mument li huwa kien qieghed jistenna li l-kulur sejjer isirlu ahmar, huwa saq 'il quddiem billi "rranka xi ftit" il-vettura tieghu (fol. 19). Kien ikun ferm aktar prudenti ghalih li minflok li jirranka l-vettura tieghu biex ifittex jghaddi jara li ma kienx hemm karozzi ohra fil-qrib tieghu. Dan dejjem suggett ghall-fatt li l-argoment in kwistjoni sollevat ghall-ewwel darba fl-istadju ta' l-appell

ma jaqbilx mal-verzjoni tal-fatti li tant insista fuqhom l-attur stess kif fuq intqal.

10. Illi, minbarra s-suespost, anki f'partijiet ohra mix-xhieda tal-appellant, din il-Qorti baqghet perplessa kif l-attur ghadu jinsisti li ma kien hemm xejn hazin fil-mod kif saq ghaliex apparti li hu xehed li "irranka xi ftit" il-vettura tieghu, jghid ukoll li "jiena kont mohhi fil-vetturi ta' quddiem" waqt li kien hiereg fit-"traffic lights". Kwindi lanqas ma kien daqstant attent.

11. Illi min-naha l-ohra, din il-Qorti, bhal ma kien il-kaz ta' l-ewwel Qorti, ma sabet assolutament xejn x'ticcensura fis-sewqan tal-konvenut appellat – kemm-il darba l-verzjoni tal-fatti sehhew kif xehed hu. Izda d-differenza fil-kaz tieghu, minn punto di vista ta' procedura, hu li l-prova tispetta li ssir maggorment fuq il-kontroparti attrici u mhux fuqu.

Illi ghalhekk tiehu mil-liema angolu li trid, l-aggravji tal-attur appellant la huma fondati fil-fatt u lanqas fid-dritt u l-appell tieghu ma jimmeritax li jigi akkolt.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fil-kawza fl-ismijiet premessi, tichad l-appell ta' l-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

Dep/Reg

mg